MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 300/2009

**A B sive C D E mart F sive G D minnu legalment separata**

**-vs-**

**F sive G D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B sive C D E fejn din, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u disghin (1998) fil-Knisja ta’ Santa Tereza, Bormla, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u mmarkat bhala Dokument ‘A’.

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu H u li llum ghandu seba’ (7) snin.

Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Burlo’ datat 6 ta’ Dicembru 2005.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta’ Ottubru 1998 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Frar 2010 f’liema seduta l-intimat ta’ ruhu b’notifikat tal-atti tal-kawza. Madanakollu, xorta wahda ma wegibx ghall-kawza.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Il-partijiet f'din il-kawza zzewgu fis-sena 1997 wara gherusija ta' sitt snin. Isseparaw fl-2005. Miz-zwieg kellhom tifel. l-gherusija jidher li kienet wahda normali. Madanakollu, wara xi zmien mizzewgin, ir-relazzjoni sfaxxat. Il-partijiet ippruvaw isewwu z-zwieg pero' dahlet bejniethom certa bruda li ma kienet mghejjuna xejn min-nuqqas ta' hajja sesswali li kellhom bejniethom. Spiccaw infirdu u issa l-mara qed titlob dikjarazzjoni ta' nullita'.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent qed isostni li l-kunsens tal-partijiet f'dan iz-zwieg kien null ghar-raguni ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga. Tibbaza ukoll it-talba taghha fuq il-kawzali tal-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu.

Il-Qorti tibda biex taghmel xi osservazzjonijiet preliminari. Tirreferi ghal dak li rriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**", (deciza fis-27 ta' Jannar, 2006):

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Stabbilit dan il-principju, il-Qorti tinnota li r-rikorrenti qed tistrieh biss fuq l-affidavit taghha u dak ta' zewgha li hu prattikament fotokopja ta' dak maghmul minnha. Ghalhekk, il-Qorti hawn tirreferi ghall-kawza "**Anna Tonna vs Alexander Tonna**" (deciza fis-6 ta' Novembru, 1991), fejn il-Qorti tal-Appell qalet illi:

"*F'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp*

*ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccozament wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullamnet tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawza li ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju.*"

Irid jigi enfasizzat ukoll li din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-istess persuna tinvoka dawn iz-zewg kawzali bhal fil-kaz odjern meta tqis li, essenzjalment wahda teskludi l-ohra addirittura. Persuna li tbati minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja ma tistax qatt titqies li tista' teskludi pozittivament iz-zwieg jew elementi essenzjali tieghu ghar-raguni li fil-fatt ma tipposjedix id-dehen li tifhimhom.

Fil-kaz in ezami, xejn li jintqal fl-affidavit tar-rikorrenti u ripetut f'dak ta' zewgha, ma jista' b'xi mod iwassal lil din il-Qorti ghad-decizjoni li fil-partijiet kien jezisti xi difett ta' diskrezzjoni fi grad li tesigi l-ligi ghal dikjarazzjoni ta' nullita'. F'dan il-kuntest, il-Qorti taghmel pjenament referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati in materia kif kristalizzat, per ezempju, fil-kawza "**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", (deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995):

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,</u> jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett.</u> Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment <u>nuqqas</u> ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet <u>zbaljati</u> – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju.*"

U fil-kawza “**Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Settembru 1997):

“*Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**Isabelle Zarb vs Stephen Attard**, gja’ citata). Mhix ghalhekk kwistjoni ta’ inkompatibilita’ ta’ karattru, jew ta’ decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar “anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg”. Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom.*”

Kif ukoll fil-kawza “**Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porsella Flores et noe**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fit-18 ta’ Jannar, 2000):

“*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring” (Viladrich, P.J., Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686).*”

Rigward il-kawzali l-ohra invokata u cioe' dik tal-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga [Art. 19 (1) (f)], il-Qorti kkunsidrat:

Is-simulazzjoni fl-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg giet ezaminata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Dr Stephen Muscat noe vs A Borg Grech**" (deciza fl-14 ta' Awissu, 1995), fejn il-Qorti rriteniet illi:

**"***Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*"

U mbaghad:

"*Ghalhekk, min estranament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu.*"

Aktar ricenti, fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**" (deciza fit-30 ta' April, 2009), il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*

*“Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’ matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta’ di escludere.”* ”

Fil-kaz in ezami, l-unika hjiel ta’ dak li jista’ jkun simulazzjoni tinsab f’accenn ghal dak li l-intimat isejjah “patt”:

“G*haldaqstant, kont insibha difficli li nifhem kif koppja tista’ tibqa’ tghix flimkien ghal dejjem. Niftakarni naghmel patt maghha u li hi qablet mieghu. Konna qbilna bejnietna li jekk ma nibqghux ninhabbu xejn ma kellux izommna milli ninhallu minn kull irbit inkluz anke jekk inkunu zzewwigna.*”

Ir-rikorrenti tghid:

“*G bhal donnu ma kienx jemmen fil-permanenza taz-zwieg. Kien ta’ sikwit itennili li jekk l-imhabba bejnietna tispicca, allura ma kienx hemm ghlafejn iz-zwieg jibqa’ jorbotna ghal dejjem – din kienet kundizzjoni li ghamilha cara hafna qabel ma zzewwigna. Kien hemm differenza kbira bejnietna l-mod kif nahsbu fuq certi principji. Ghamel patt mieghi u qbilt ma li kien qed jghidli, li jekk ma nibqghux ninhabbu, xejn ma kellu jzommna milli ninhallu minn kull irbit, inkluz anke jekk inkunu mizzewgin.*”

Il-Qorti ma tistax tqis li qatt sar xi patt bejn il-koppja. Fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, ir-rikorrenti tghid hekk:

“*Nahseb konna f’xi konverzazzjoni u kien qalli illi hu jemmen li l-imhabba m’hijiex ghal dejjem. Jiena dawn ma stajtx nifhimhom. B’din ma stajtx nifhmu meta kien qed jghid hekk, pero’ issa nirrealizza li fil-fatt hekk gara.*”

Viva voce quddiem il-Qorti, imbaghad, ir-ragel xehed hekk:

“*Jiena dwar il-kumment illi ghamilt rigward ta’ ninhallu minn kull irbit nghid illi dan konna qeghdin fil-post li konna qeghdin inlestu, konna qeghdin nitkellmu, ghadni*

*niftakarni nghidilha illi li nizzewgu hija formalita' ghaliex dak li jghaqqadna hija l-imhabba u jekk ma nibqghux ninhabbu xejn m'ghandu jzommna milli ninhallu.*"

Dawn il-kummenti donnhom "en passant" ma jwasslux il-Qorti ghall-konvinciment tal-ezistenza tal-eskluzjoni. Lanqas fil-fehma ta' din il-Qorti ma tista' titqies il-possibli inkompatibilita' sesswali bejn il-koppja.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------